6 ta' Ġunju, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Neg. Edgar Laferla ne. *versus* Neg. Antonio Cachia pr. et ne.** (*)

**Danni — Likwidazzjoni.**

*Sentenza li tiddikjara ġenerikament ir-responsabilità għad-danni, tħalli impreġudikata l-kwistjoni dwar l-eżistenza, il-kwantità u l-kwalità tad-danni; b'mod li fil-ġudizzju tal-likwidazzjoni tad-danni l-attur jeħtieġlu jipprova l-eżistenza tad-danni, u f'każ affermativ l-entità tagħhom.*

*F'dik il-likwidazzjoni, jekk ma ssirx prova speċifika tal-kwantitativ tad-danni, huma biżżejjed il-preżunzjonijiet, purkè jkunu bażati fuq fatti reali. U jista' jagħti l-każ illi, fin-nuqqas ta' mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni, dan l-ammont jiġi fissat "ex aequo et bono" mill-ġudikant li jiġi msejjaħ biex jistabbilixxi l-kwantitativ tad-danni dikjarati b'sentenza preċedenti.*

*Meta d-dannegġjat huwa persuna residenti barra minn Malta, ma jistax jiġi lilu negat id-dritt li jiġi Malta biex jixhed fil-kawża li tinteressah u biex jassisti lid-difensur tiegħu fl-awdizzjoni tax-xhieda u l-provi; u fid-danni lilu likwidabili għandhom jidħlu l-ispejjeż tal-vjaġġ tiegħu biex jiġi Malta għal dan l-iskop u tar-ritorn.*

*Id-danni likwidati għandhom ikunu marbutin bin-"nexus" ta' kawża u effett mal-fatt vjolatur stabbilit fis-sentenza li ddikjarat ir-responsabilità tad-danni; u għandhom ikunu konsegwenza diretta u immedjata ta' dak il-fatt, u bħala tali riżarċibili.*

---

(*) Deżerta fl-Appell, 24. 11. 1951.

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta li b'sentenza ta' dina l-Qorti ta' l-4 ta' Mejju 1950 il-konvenut u d-ditti "Olimpia" u "Andrea Ventaloro" minnu rappreżentati ġew dikjarati responsabili "in solidum" bejniethom versu l-attur nomine għar-rifużjoni u pagament tad-danni li sofriet id-ditta attriċi in konsegwenza ta' atti ta' konkorrenza sleali da parti tal-konvenut u tad-ditti u persuni minnu rappreżentati, u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, l-istess konvenut Cachia proprio et nomine jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine l-ammont li jiġi likwidat minn dina l-Qorti għal danni sofferti mid-ditta attriċi in konsegwenza tal-konkorrenza sleali fuq imsemmija, u konsistenti fi spejjeż li n-Negozjant Lorenzo Calogero kellu jagħmel biex jiġi u joqgħod Malta fit-trattazzjoni tal-kawża li fiha l-konvenut proprio et nomine ġie dikjarat responsabili tad-danni versu l-attur nomine, u f'telf ta' profitti ta' elf par skarpini tan-nisa li d-ditta attriċi kienet bagħtet u in parti ikkonsenjat lid-ditta "A. Darmanin & Son", attriċi oħra f'dik il-kawża, u fl-interessi fuq l-ammont tad-danni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut proprio et nomine, inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Fil-meritu;

Bis-sentenza "Darmanin ne. et. vs. Cachia pr. et ne.", mogħtija minn dina l-Qorti fl-4 ta' Mejju 1950, li għaddiet ġudikat, u li biha ġiet irrevokabilment stabbilita r-responsabilità tal-konvenut proprio et nomine għad-danni in bażi għall-fatt doluż (mhux konkorrenza sleali) imsemmi f'dik is-sentenza. S'intendi, din hija biss deklaratorja ġenerika tad-danni, li tħalli impreġudikata l-kwistjoni dwar l-eżistenza, il-kwantità u l-kwalità tad-danni. F'dan il-ġudizzju ta' likwidazzjoni l-attur jeħtieġ li jipprova l-eżistenza tad-danni, u f'każ affermativ l-entità tagħhom (ara, dwar dan il-prinċipju, Coen, voce Danni e Responsabilità, para. 1463, 1464, 1466, 1468, 1469, u 1475);

Iż-żewġ prospetti ta' l-attur nomine fol. 5 u fol. 42, li ma jaqblux, u r-relazzjoni tal-perit legali, ma jidhirx li jippreċiżaw id-danni riżarċibili fil-mod li kellhom jiġu determinati;

Il-Qorti hi tal-fehma li l-vera pożizzjoni hi din li sejra tiġi esposta. L-ordinazzjoni oriġinali ta' skarpini kienet, mhux

ta' elf par, kif erroneament hemm imsemmi kemm-il darba fl-iskrittura, imma ta' 984 par (ara xhieda Calogero fol. 16). Minn din l-ordni laħqu ġew konsenjati lill-importatur lokali Darmanin 350 par; il-bqija ta' l-ordni—634 par—ġie kanċellat minħabba l-fatt doluż tal-konvenut proprio et nomine. Minn dawk it-350 par, 150 ġew smerċjati regolarment bil-prezz ta' £1. 9. 0 il-par, għaliex kien għad ma nterveniex il-fatt vjolatur tal-konvenut proprio et nomine. Imbagħad intervjena dan il-fatt, u l-200 par residwali kellhom jinbiegħu orħos, u fuqhom id-ditta attriċi kellha tagħmel lil Darmanin abbwon ta' 2s. il-par;

Mela hu żgur li d-ditta attriċi tilfet is-somma ta' dan l-abbwon ta' 2s. fuq 200 par, ċjoè £20. Issa, kwantu għall-bqija ta' l-ordinazzjoni (634 par), għalkemm hu intuwitiv li d-ditta "Calogero" kienet sejra tbiegħhom lil Darmanin bi profitt, ma ġiex fornit element speċifiku probatorju tal-kwantità ta' dan il-profitt. Ġie pruvat li l-prezz li bih kien xtara Darmanin kien ta' 17s, 6d. il-par; Calogero, meta xehed fol. 16, semma ġenerikament is-somma ta' £228; imma evidentement huwa kien qed jagħmel il-kalkolu ta' somma ugwali........... Għalkemm dan l-element probatorju speċifiku ma ġiex fornit, hu ċert però li Calogero kien qed ibiegħ lil Darmanin bi profitt. Issa "in probatione lucri cessantis sufficiunt praesumptiones", basta li jkunu bażati fuq fatti reali (Coen. idem, 1514). Il-fatti huma dawn. Ir-residwu ta' l-ordinazzjoni kien ta' 634 par bi 17s. 6d. il-par, li tilħaq £554. 15. 0. Calogero, però, skond ix-xhieda tiegħu stess fol. 16, kellu jħallas 5% kummissjoni u 5% spejjeż, u għalhekk minn dik is-somma għandhom jinqatgħu l-10%. Jibqgħu approssimativament £500 (£555—£55). Issa, kif esprimiet tajjeb il-Cassazione di Roma, 11 ta' Mejju 1877, "Banca Nazionale vs. Santini", Rivista "Legge" 17, 1, 439, "Vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare "ex aequo et bono" secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato". Meta wieħed jikkunsidra li Calogero biegħ lil Darmanin bħala esportatur u grossista, jidher loġiku li wieħed jakkordalu perċentwali ta' profitt tal-10%, li fuq £500 tiġi £50. Għal-

hekk, bħala "lucrum cessans", hu għandu dritt għal din is-somma wkoll;

Fil-prospett fol. 42 hemm reklamati anki d-danni a kawża li l-ġilda li kienet lesta għall-eżekuzzjoni tal-bqija ta' l-ordni ġiet svenduta b'telf ta' £51. Għal din is-somma Calogero ma għandux jedd, għaliex, meta l-Qorti tagħtu l-"lucrum cessans" fis-somma ta' £50 fuq imsemmija, ġie suppost li l-ordinazzjoni għall-bqija ġiet eżegwita u l-ġilda użata. Anzi, proprjament, ir-rikavat tal-bejgħ tal-ġilda jmissu jinqata' mis-somma ta' £50 fuq likwidata; ma hux qed jinqata' għaliex il-Qorti ġà qatgħet, kif hemm fuq, 5% għall-ispejjeż;

Calogero hu anki intitolat għall-ispejjeż tal-vjaġġ Catania-Malta u ritorn, meta ġie għal dik il-kawża hawn Malta. Kif irrileva l-perit fil-para. XXXV tar-relazzjoni, dan l-ammont hu raġjonevoli. Il-Qorti anzi żżid il-konsiderazzjoni li ma jistax jiġi negat lill-attur id-dritt li jiġi Malta biex jagħti x-xhieda tiegħu f'kawża li kienet tinteressah u jassisti lid-difensur tiegħu fl-awdizzjoni tal-provi, u illi, diversament, kien ikollhom isiru r-rogatorji, li aktarx kienu jiġu jqumu aktar minn £15 b'kollox;

Għalhekk it-total tad-danni hu ta' £85 (£20 u £50 u £15), kif fuq likwidati. L-interessi għandhom jiddekorru mhux middata ndikata fil-prospett fol. 5, imma mid-data tal-likwidazzjoni, ċjoè ta' din is-sentenza, in bażi għall-massima "in liquidandis non fit mora", u għaliex l-interessi mhumiex parti tad-danni f'dan il-każ, imma aċċessorji tiegħu;

***Omissis;***

Dawn id-danni, kif fuq likwidati, huma marbutin bin-"nexus" ta' kawża u effett mal-fatt vjolatur stabbilit fis-sentenza ta' qabel, u huma l-konsegwenza diretta u immedjata ta' dak il-fatt, u bħala tali rižarċibili;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra l-konvenut proprio et nomine;

Billi tilqa' l-istanza u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jħallas lill-attur nomine, bl-imgħaxijiet kummerċjali mil-lum, is-somma ta' £85 fuq likwidata bħala danni; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut proprio et nomine.

---